

## Sommarju tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni

tat-12 ta' Mejju 2015

### li jirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

(Il-Każ AT.39964 — Air France/KLM/Alitalia/Delta)

(notifikat bid-dokument C(2015)3125)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

(2015/C 212/05)

Fit-12 ta' Mejju 2015, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni marbuta ma' proċediment skont l-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 30 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003<sup>(1)</sup>, il-Kummissjoni qiegħda hawnhekk tippubblika l-ismijiet tal-partijiet u l-kontenut prinċipali tad-deċiżjoni, filwaqt li tqis l-interess leġittimu tal-impriża fil-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tagħhom.

#### Introduzzjoni

- (1) Din id-Deċiżjoni tagħmel legalment vinkolanti l-impenji offruti minn Société Air France ("AF"), Koninklijke Luchtvaart Maatschappij NV ("KLM"), Alitalia Società Aerea Italiana SpA ("AZ") u Delta Air Lines Inc. ("Delta") (konguntemment "il-Partijiet") skont l-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 ("ir-Regolament 1/2003") fi proċediment skont l-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("it-Trattat"). Din id-deċiżjoni tirrigwarda l-ftehimiet konklużi bejn il-Partijiet rigward il-ħolqien ta' impriża konġunta għall-qsim tal-profit/telf, u jissejħu bħala l-ftehim ta' Impriża Konġunta Transatlantika ("il-Ftehim ta' TAJV"), li jkopri fost l-oħrajn is-servizzi kollha tat-trasport bl-ajru tal-passiġġieri operati mill-Partijiet fir-rotot ta' bejn l-Ewropa u l-Amerika ta' Fuq ("ir-rotot Transatlantiċi").

#### Proċedura

- (2) Fit-23 ta' Jannar 2012, il-Kummissjoni fetħet proċedimenti ta' antitrust bil-għan li tittieħed deċiżjoni skont il-Kapitolu III tar-Regolament 1/2003. Fl-26 ta' Settembru 2014, il-Kummissjoni adottat il-valutazzjoni preliminari ("il-Valutazzjoni Preliminari"), li esponiet it-tħassib tal-Kummissjoni dwar il-kompetizzjoni fis-suq primjum ta' Pariġi - New York, fis-swieq primjum u mhux primjum ta' Amsterdam - New York, kif ukoll fis-swieq primjum u mhux primjum ta' Ruma - New York, ("ir-Rotot Inkwistjoni")<sup>(2)</sup>.
- (3) Fit-3 ta' Ottubru 2014, il-Partijiet ipproponew impenji sabiex jindirizzaw it-tħassib preliminari tal-Kummissjoni. Fit-23 ta' Ottubru 2014 il-Kummissjoni ppubblikat avviż fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 27(4) tar-Regolament 1/2003, li ta sommarju tal-każ u tal-impenji proposti, u li stieden lil partijiet terzi interessati sabiex jagħtu l-osservazzjonijiet tagħhom ("l-Avviż dwar l-Ittestjar tas-Suq"). Wara li waslu l-kummenti mingħand partijiet terzi, fl-4 ta' Mejju 2015 il-Partijiet ippreżentaw il-verżjoni ffirmata tal-impenji finali.
- (4) Fit-28 ta' April 2015, kien ikkonsultat il-Kumitat Konsultattiv fil-Qasam tal-Prattiċi Restrittivi u tal-Pożizzjonijiet Dominanti, u ta opinjoni pożittiva. Fit-30 ta' April 2015 l-Uffiċjal tas-Seduta ppreżenta r-rapport finali tiegħu.

#### It-tħassib muri fil-valutazzjoni preliminari

Il-valutazzjoni skont l-Artikolu 101(1) u 101(3) t-Trattat.

- (5) Il-Valutazzjoni Preliminari tal-26 ta' Settembru 2014 esponiet it-tħassib preliminari tal-Kummissjoni li l-Partijiet setgħu rrestrinġew il-kompetizzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-passiġġieri primjum fuq ir-rotta ta' Pariġi - New York, u f'dak li għandu x'jaqsam mal-passiġġieri primjum u mhux primjum fuq ir-rotot ta' Amsterdam - New York u Ruma - New York, kemm bil-għan kif ukoll bl-effett, permezz tal-kooperazzjoni tagħhom skont il-Ftehim ta' TAJV.
- (6) Fil-Valutazzjoni Preliminari tagħha l-Kummissjoni kkonkludiet b'mod provviżorju li l-Ftehim ta' TAJV għandu għan antikompetittiv billi jagħti lok għal kooperazzjoni estensiva bejn il-Partijiet fuq il-parametri ewlenin tal-kompetizzjoni tal-linji tal-ajru, inklużi l-prezz, il-kapaċità, l-iskedi u l-kwalitajiet tas-servizz. F'impriża konġunta għall-qsim tal-profit/telf li tapplika l-prinċipju ta' newtralità fir-rigward tal-ajruplan użat, l-inċentivi individwali tal-Partijiet fir-rotot Transatlantiċi huma sostitwiti mill-interess u l-benefiċċju komuni tal-impriża konġunta u tal-Partijiet kollha f'daqqa.

<sup>(1)</sup> ĠUL 1, 4.1.2003, p. 1.

<sup>(2)</sup> Is-suq primjum jinkludi passiġġieri li jixtru biljetti tal-ewwel klassi, tal-business class u tal-klassi ekonomika li jkunu flessibbli, filwaqt li s-suq mhux primjum jinkludi passiġġieri li jixtru biljetti ristretti tal-klassi ekonomika.

- (7) Il-Kummissjoni kkunsidrat ukoll b'mod provviżorju li l-Ftehim ta' TAJV għandu l-effett li jirrestrinġi sostanzjalment il-kompetizzjoni għal (i) passiġġieri primjum fuq ir-rotta ta' Pariġi - New York, u (ii) passiġġieri primjum u mhux primjum fuq ir-rotot ta' Amsterdam - New York u Ruma - New York rispettivament. Il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod provviżorju li l-kompetizzjoni li eżistiet bejn il-Partijiet rispettivi dwar ir-Rotot Inkwistjoni qabel ma tispiċċa l-kooperazzjoni tagħhom mhux probabbli li tiġi sostitwita minn kompetizzjoni ta' linji tal-ajru oħra, minħabba l-ostakli sostanzjali għad-dħul u l-espansjoni.
- (8) Għaldaqstant, fil-fehma preliminari tal-Kummissjoni, il-kooperazzjoni bejn il-Partijiet skont il-Ftehim ta' TAJV tikser l-Artikolu 101(1) tat-Trattat f'dak li għandu x'jaqsam mal-passiġġieri primjum fuq ir-rotta ta' Pariġi - New York, u f'dak li għandu x'jaqsam mal-passiġġieri primjum u mhux primjum fuq ir-rotot ta' Amsterdam - New York u Ruma - New York.
- (9) Il-Partijiet ma taw l-ebda argument rigward iż-żieda fl-effiċjenza marbuta mar-Rotot Inkwistjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod provviżorju li ma hemm l-ebda effiċjenza li tikkompensa r-restrizzjoni sostanzjali tal-kompetizzjoni li probabbilmment tirriżulta mill-Ftehim ta' TAJV dwar ir-Rotot Inkwistjoni.

### Impenji inizjali u finali

- (10) Fit-3 ta' Ottubru 2014, il-Partijiet offrew li jiehd u impenji sabiex jiġi indirizzat it-tħassib dwar il-kompetizzjoni stipulat fil-Valutazzjoni Preliminari. Il-Partijiet offrew:
- (a) li jpoġġu għad-dispożizzjoni pari ta' slots għall-wasla u t-tluq fl-ajruport ta' Amsterdam u/jew fl-ajruporti New York JFK/Newark Liberty, kif ukoll fl-ajruport ta' Ruma u/jew fl-ajruporti New York JFK/Newark Liberty – skont kif jagħmel il-kompetitur – li jippermettu lil kompetitur wieħed eliġibbli jew aktar jopera(w) jew iżid(u) sa mas-simu ta' seba' (7) frekwenzi ġodda jew addizzjonali ta' kull ġimgħa fuq kull rotta ta' Amsterdam - New York u Ruma - New York. Din l-offerta hi soġġetta għal ċerti kundizzjonijiet, li jinkludu li l-kompetitur ikun għamel l-isforzi kollha raġonevoli biex jikseb is-slots neċessarji permezz tal-proċess tal-allokazzjoni tas-slots ġenerali;
- (b) li jagħmel ftehimiet <sup>(1)</sup>, għall-kombinabbiltà tan-nollijiet, ma' kompetituri għall-klassijiet kollha tal-passiġġieri fuq kull Rotta Inkwistjoni, ħlief dik ta' Pariġi - New York, fejn il-ftehimiet ikunu jkopru l-passiġġieri prinjum biss. Il-kompetituri eliġibbli huma l-kompetituri kollha li jibdeu joperaw servizzi bla waqfien ġodda jew aktar servizzi għar-Rotta Inkwistjoni, u li waħidhom jew flimkien mas-sħab ta' alleanza tagħhom ma joperawx f'ajruport li jkun hub/hub minuri fiż-żewġ itruf tar-rotta. Fil-każ ta' Pariġi - New York, dan l-impenn ikopri wkoll kompetituri li diġà joperaw servizzi bla waqfien fir-rotta;
- (c) sabiex jidħol fi ftehimiet *pro rata* <sup>(2)</sup> speċjali mal-kompetituri għall-klassijiet kollha tal-passiġġieri fuq kull Rotta Inkwistjoni ħlief dik ta' Pariġi - New York, fejn il-ftehimiet ikopru l-passiġġieri primjum biss, għat-traffiku li joriġina jew ikollu d-destinazzjoni tiegħu fl-Ewropa jew l-Amerika ta' Fuq/il-Karibew/l-Amerika Ċentrali, dejjem jekk parti mill-vjaġġ tkun tinvolvi waħda mit-tliet Rotot Inkwistjoni. Il-kompetituri eliġibbli huma l-kompetituri kollha li jibdeu joperaw servizzi bla waqfien ġodda jew aktar servizzi għar-Rotta Inkwistjoni, u li waħidhom jew flimkien mas-sħab ta' alleanza tagħhom ma joperawx f'ajruport li jkun hub/hub minuri fiż-żewġ itruf tar-rotta. Fil-każ ta' Pariġi - New York, dan l-impenn ikopri wkoll kompetituri li diġà joperaw servizzi bla waqfien fir-rotta;
- (d) biex jiftħu l-programmi għal dawk li jtiru ta' spiss għal kompetitur li jibda xi servizzi jew li jżid is-servizzi fuq kwalunkwe Rotta Inkwistjoni, jekk dan il-kompetitur ma jkollux programm tiegħu simili u mhux diġà qed jipparteċipa fxi programm tal-Partijiet għal dawk li jtiru ta' spiss.
- (11) Il-Partijiet joffru wkoll li fiduċjarju jkollu r-responsabbiltà li jimmonitorja t-twertiq tal-impenji. F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-linja tal-ajru li tkun qed tapplika u l-Partijiet rigward l-impenji, il-Partijiet joffru proċess għas-soluzzjoni tat-tilwim li fil-qafas tiegħu tribunal tal-arbitraġġ ikollu l-aħħar kelma dwar il-kwistjoni.
- (12) B'reazzjoni għall-kummenti li waslu għand il-Kummissjoni wara l-pubblikazzjoni tal-Avviż dwar l-Ittestjar tas-Suq, il-Partijiet ppreżentaw il-verżjoni ffirmata tal-impenji finali fl-4 ta' Mejju 2015. Ħlief għal xi kjarifiki, dawn l-impenji riveduti huma differenti mill-impenji offruti inizjalment f'dak li għandu x'jaqsam mal-kamp ta' applikazzjoni tal-impenn marbut mal-ftehim *pro rata* speċjali. Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-impenn ġie estiż biex ikopri

(1) Ftehim għall-kombinabbiltà tan-nollijiet jippermetti lil-kompetitur (jew lill-aġenti tal-ivvjaġġar) sabiex joffri vjaġġ lura lil grupp ta' passiġġieri li jkun kopert b'impenn, u għalhekk ikun servizz bla waqfien li f'direzzjoni jingħata minn waħda mill-Partijiet, u fid-direzzjoni l-oħra mill-kompetitur.

(2) Ftehimiet *pro rata* speċjali jippermettu lil-linji tal-ajru kompetituri eliġibbli sabiex jikkwistaw kundizzjonijiet favorevoli mill-Partijiet ħalli jgħorru passiġġieri li jivvjaġġaw fuq titjriet konnessi operati mill-Partijiet fuq rotot fl-Ewropa u fl-Amerika ta' Fuq (u pajjiżi speċifiċi oħra), sabiex isostnu s-servizzi transatlantiċi tal-kompetitur stess fuq ir-Rotta Inkwistjoni rilevanti, billi passiġġieri bħala dawn jiġu trasferiti fuq it-titjriet transatlantiċi tal-kompetitur.

t-traffiku li għandu l-oriġini/d-destinazzjoni vera tiegħu fil-Libanu u l-Iżrael, flimkien mat-traffiku li għandu l-oriġini/d-destinazzjoni tiegħu fl-Ewropa jew l-Amerika ta' Fuq/il-Karibew/l-Amerika Ċentrali. Barra minn hekk, ġiet inkluża kjarifika fejn l-impenn marbut mal-ftehim *pro rata* speċjali, li jinkludi li kompetitur jkollu d-dritt li jagħżel sa għoxrin (20) rotta preċedenti/suċċessiva li tkun operata mill-Partijiet, tinkludi wkoll rotot preċedenti/suċċessivi li huma kkummerċjalizzati mill-Partijiet u operati minn ċerti sussidjarji tal-Partijiet (jiġifieri KLM Cityhopper, Alitalia CityLiner, titjiriet operati minn HOP li jkunu mikrija bl-ekwipaġġ minn AF, u titjiriet konnessi kkummerċjalizzati taħt id-ditta Delta Connection).

#### **Valutazzjoni u proporzjonalità tal-impenji proposti**

- (13) L-impenji fil-forma finali tagħhom huma biżżejjed biex jindirizzaw il-preokkupazzjonijiet identifikati mill-Kummissjoni fil-Valutazzjoni Preliminari tagħha mingħajr ma jkunu sproporzjonati. Dawn jiffaċilitaw id-dħul jew it-tkabbir fuq ir-Rotot Inkwistjoni billi jnaqqsu l-ostakli għad-dħul jew għat-tkabbir, kif ukoll billi jsaħħu s-servizzi tal-kompetituri billi jingħatalhom aċċess għat-traffiku tal-konnessjonijiet kif ukoll il-possibilità li jiġu konklużi ftehimiet għall-kombinabbiltà tan-nollijiet u ftehimiet ta' kooperazzjoni fuq il-programmi għal dawk li jtiru ta' spiss.
- (14) Għar-rotot ta' Amsterdam - New York u Ruma - New York, il-Kummissjoni tqis li l-ikkombinar tal-impenji li jinvolvu s-slotts fuq naħa, flimkien mal-kombinabbiltà tan-nollijiet, il-ftehimiet *pro rata* speċjali u l-programmi għal dawk li jtiru ta' spiss fuq in-naħa l-oħra, huma adegwati u suffiċjenti sabiex jindirizzaw it-tħassib tal-kompetizzjoni identifikat fil-Valutazzjoni Preliminari. B'mod partikolari, il-kundizzjonijiet marbutin mal-impenji li jinvolvu s-slotts jagħmluhom biżżejjed effettivi u attraenti għall-kompetituri sabiex effettivament jittieħdu, filwaqt li l-impenji l-oħra għandhom jippermettu lill-kompetituri sabiex tiżdied is-sostenibbiltà tas-servizzi l-ġodda tagħhom. Rigward ir-rotta Pariġi - New York, il-Kummissjoni tosserva li l-kompetituri joperaw aktar frekwenzi għal kull jum milli mill-Partijiet kollha f'daqqa, u li l-kompetituri, reċentement setgħu jżidu frekwenzi fuq ir-rotta. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tqis li l-impenji marbutin mal-ftehim għall-kombinabbiltà tan-nollijiet, il-ftehim *pro rata* speċjali u l-programmi għal dawk li jtiru ta' spiss offruti mill-Partijiet, kemm għall-kompetituri eżistenti kif ukoll għal dawk ġodda, huma adegwati u suffiċjenti biex jindirizzaw it-tħassib tagħha dwar din ir-rotta.

#### **Konklużjoni**

- (15) Id-Deċiżjoni tagħmel l-impenji proposti mill-impriżi kkonċernati legalment vinkolanti għalihom.
- (16) Fid-dawl tal-impenji finali offruti mill-Partijiet, il-Kummissjoni tqis li mhix aktar iġġustifikata azzjoni min-naħa tagħha Id-deċiżjoni torbot għall-perjodu ta' 10 snin mid-data tal-adozzjoni tagħha.
-